**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Carmel k/a Charles Debono bin Michael Debono u Cecilja xebba Buttigieg li joqghod Plot 42, 'Chargin', Triq ta' Gokk, Xewkija, Ghawdex.**
**Karta ta' l-Identita' Numru 19961(G)**

Illum 20 ta' Marzu 2002.

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli bejn il-21 u l-24 ta' Settembru 2001 fix-Xewkija, dahal jew gieghel jew ippermetta lil min jidhol fid-dar ta' residenza tal-kwerelanti Joseph u Rose Azzopardi mix-Xewkija minghajr hsieb li jaghmel reat iehor, wara li kien gie mwissi mill-kwerelanti, hawn imsemmija, li ma ghandux jidhol, (2) aktar talli dahal bil-mohbi u dan bi ksur ta' l-artikolu 339 (1) (0) tal-Kap 9 (3) fl-ahhar talli fl-istess perjodu ikkommetta jew halla lil min jikkommetti hsara volontarja fil-proprjeta` tal-konjugi Azzopardi, billi hassar, ghamel hsara u gharraq hwejjighom, liema ammont ta' hsara huwa ta' aktar minn ghaxar liri Maltin (Lm10) izda mhux aktar minn hamsin lira Maltin (Lm50) bi ksur ta' l-artikolu 325 (e) tal-Kap 9.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tapplika l-artikolu 383 u 384 tal-Kap. 9 u li l-imputat jintrabat li ma jergax jidhol fil-proprjeta` tal-konjugi Azzopardi.

Semghet ir-rinunzja;

Fuq rinunzja tiddikjara l-procediment ezawrit.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur